MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 152/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Clint Whitelaw**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tas-16 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 19 ta’ Frar 2002, in atti Nutar Dottor Joseph Debono (Dok. A) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Clint Whitelaw;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’l-konvenut Clint Whitelaw fis-somma ta’ wiehed u hamsin elf, seba’ mija u sitta u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€51,736.86) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Clint Whitelaw mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B6, u Dok. C1 sa

C7) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clint Whitelaw
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clint Whitelaw  li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Clint Whitelaw gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 22 ta’ Settembru 2010,  li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa’ inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clint Whitelaw (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clint Whitelaw li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Clint Whitelaw ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u hamsin elf, seba’ mija u sitta u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€51,736.86) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Clint Whitelaw mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B6 u Dok. C1 sa C7) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta’ Settembru 2010 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, Supervisor Legal Office tas-socjeta’ attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut sallum;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Ottubru 2011;

Rat illi ma giet prezentata ebda nota ta’ sottomissjonijiet da parti tal-konvenut fiz-zmien koncess mill-Qorti;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ wiehed u hamsin elf, seba’ mija u sitta u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€51,736.86), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------